FIMBANK

Fil-FIMBank napprezzaw u nagħtu valur lill-esperjenzi tiegħek fir-rigward tal-prodotti u s-servizzi tagħna. Għal din ir-raġuni, nixtiequ niżguraw li taf kif tikkuntattjana fil-każ li tħoss li l-istandard tas-servizz tagħna mhuwiex qed jilħaq l-aspettattivi tiegħek jew jekk tħoss li ma ngħatajtx trattament ġust. Nikkommettu ruħna biex ninvestigaw l-ilment tiegħek fl-iqsar żmien possibbli, u jekk hemm bżonn, naraw li nsolvu l-kwistjoni fi żmien raġonevoli.

**Il-proċess tas-sottomissjoni tal-Ilmenti:**

1) L-ewwel nett, iddiskuti l-kwistjoni mat-tim tagħna tal-Helpdesk jew mar-Relationship Manager tiegħek ta' FIMBank li se jipprova jsolvi l-ilment.

2) Alternattivament, jekk ma taqbilx mar-riżoluzzjoni li ngħatajt, tista' tagħżel li l-każ tiegħek jiġi evalwat mit-tim tat-trattament tal-ilmenti billi tibgħat email fuq complaints.team@fimbank.com

3) Jekk m'intix sodisfatt/a bir-riżultat jew jekk tixtieq tevita li tgħaddi mill-proċess imsemmi hawn fuq, tista' tissottometti l-ilment tiegħek billi tuża l-formola onlajn jew billi tikkuntattja l-Uffiċjal għall-Ilmenti direttament skont id-dettalji li ġejjin:

**L-Uffiċjal għall-Ilmenti**
**FIMBank p.l.c**
**Mercury Tower, The Exchange Financial & Business Centre**
**Triq Elia Zammit,**
**San Ġiljan STJ 3155, Malta**
**Tel: (+356) 21322100**
**Email: complaintsofficer@fimbank.com**

4) Fl-aħħar nett, jekk minkejja l-aħjar sforzi tagħna, m'intix totalment sodisfatt/a bir-riżultat tat-trattament tagħna tal-ilment, għandek id-dritt li tirreferi l-kwistjoni lill-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fl-indirizz li ġej:

**L-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**
**L-Ewwel Sular, Pjazza San Kalċedonju**
**Il-Furjana FRN5130**
**Malta**
**Email:**
**complaint.info@financialarbiter.org.mt**

*L-ilment tiegħek lill-Uffiċċju tal-Arbitru għal Servizzi Finanzjarji huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt li jista' jkollok bil-liġi kontra l-Bank u/jew kwalunkwe mis-sussidjarji tiegħu, inkluż imma mhux limitat għal kwalunkwe dritt biex tistabbilixxi proċedimenti ġudizzjarji.*

## Ir-Reġistrazzjoni tal-Ilment

Jekk jogħġbok ipprovdilna din l-informazzjoni li ġejja meta tirreġistra lment:

| Dettalji Personali: | Dettalji tal-Ilment: |
|---|---|
| Isem & Kunjom | Data/i tal-Avveniment/i |
| Numru tal-Karta tal-Identità/Numru tal-Passaport | Persuna/i ta' Kuntatt fil-Bank |
| Email | L-Informazzjoni li ngħatatlek |
| Telefown | Spjegazzjoni dettaljata tal-fatti |
| Indirizz | Kwalunkwe ittri, korrispondenza jew dokumenti |

Kwalunkwe lment sottomess lill-FIMBank p.l.c. kemm jekk hu b'mod dirett jew permezz ta' terza parti, jiġi dokumentat u rrekordjat formalment.

Il-FIMBank p.l.c. jintrabat li jinvestiga l-kwistjoni u jagħti tweġiba komprensiva fi żmien raġonevoli.